MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2012

Numru 1240/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Charlotte Vella ta' 31 sena bint Noel u Andreana nee' Borg imwielda Pieta' fil-31 ta' Awwissu 1980, residenti Nru.51, Triq San Duminku, Valletta jew Nru.93, Triq Sir Charles Cameron, Gzira u detentrici tal-karta ta'l-identita' 497780(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Charlotte Vella li giet akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fil-15 ta' Mejju 2009 u matul il-jiem ta' qabel din id-data:

1. iffalsifikat xi biljett tal-flus jew mexxiet biljett tal-flus iffalsifikat, liema biljett tal-flus falsifikat huwa tal-valuta EURO, li kienet taf li hu falsifikat, bi ksur ta'l-Artikolu 45 tal- Kap.204 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli xtrat jew irceviet minghand xi persuna, jew kellha fil-kustodja jew pussess taghha biljett tal-flus ta' valuta EURO iffalsifikat, meta kienet taf li l-istess huwa iffalsifikat bi ksur ta'l-artikolu 46 tal- Kap.204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali permezz tan-nota tar-rinviju tieghu tas-16 ta' Awwissu 2010;

Semghet li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni illi il-kaz jigi trattat u deciz bil-rocedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi fil-jum tal-15 ta' Mejju 2009 kienet saret tfittxija fir-residenza ta'l-imputata 112, Triq l-Iran, Valletta mill-Iskwadra ta' Kontra d-Droga minn fejn il-pulizija elevaw xi oggetti relatati mal-abbuz tad-droga kif ukoll karta tal-flus ta' €200 li kienet allegatament falza. Din il-karta tal-flus instabet f'borza gewwa vetrina fir-residenza ta'l-imputata.[1]

Illi fil-kors tas-smigh tal-kawza, il-Qorti innominat lill-espert Robert Mifsud sabiex jistabbilixxi jekk il-karta ta' €200 elevata mill-pussess ta'l-imputata kentix wahda falza. Illi fil-fatt l-espert hejja ir-relazzjoni tieghu fejn ikkonkluda illi l-

[1] Ara xhieda ta' PS1174 Adrian Sciberras a fol.20 u WPC237 Antonella Vella a fol.24

karta tal-flus esebieta bhala Dokument JF1 u li tixbah karta tal-€200 hija wahda falza u dana peress illi irrizultaw s-segwenti fatturi:

a. Il-karta li fuqha gie stampat id-dokument esebit mhix identika ghal dik genwina.
b. L-istampar tac-cifra tal-valur stampata b'tipa grassa ma jibdilx il-kulur meta d-dokument jigi mxaqleb.
c. Il-fatturi l-ohra tas-sigurta bhal l-istampar imqabbez, ix-xbiha mohbija, il-fil tas-sigurta, kif ukoll ir-roqgha olografika mhumiex identici ghal dawk li jinstabu fuq il-karti tal-flus genwina.[2]

Ikkunsidrat,

Illi fin-nota tar-rinviju tieghu ghal gudizzju, l-Avukat Generali jindika id-disposizzjonijiet 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Bank Centrali.

Illi l-artikolu 45(1) jiddisponi testwalment:

**"Kull min jiffalsifika xi biljetti tal-flus jew imexxi biljett tal-flus falsifikat li jkun jaf li hu falsifikat, jista' jehel meta jinsab hati prigunerija ….Izda meta biljett tal-flus iffalsifikat jitmexxa minn persuna li tipprova li fiz-zmien li fih gie f'idejha jew fil-pussess taghha ma kenitx taf li kien falsifikat, il-piena tigi ridotta ghal zmien …"**

L-artikolu 46 imbaghad ighid:

**"Kull min minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli (liema prova tkun fuq l-akkuzat) jixtri jew jircevi minghand xi persuna jew ikollu fil-kustodja jew pussess tieghu biljett tal-flus falsifikat, li jkun jaf li l-istess ikun falsifikat, jehel meta jinsab hati …."**

Illi mill-atti tal-kawza jirrizulta illi l-karta tal-flus falza instabet fil-pussess ta'l-imputata. Din il-karta instabet

[2] Ara rapport Dokument RM a fol.31

f'borza tal-plastik gewwa vetrina. Il-prosekuzzjoni ghalhekk ma ressqet l-ebda prova li turi illi l-imputat b'xi mod iffalsifikat dina l-karta tal-flus jew mexxiet l-istess u cioe' qeghditha fic-cirkolazzjoni. Fil-fatt dina instabet gewwa vetrina, u mhux per ezempju fil-portmoni ta'l-imputata. Anzi kif tixhed il-WPC 237 ma kenitx mal-flus l-ohra tal-imputata izda kienet mizmuma appartata.[3]

Kwindi meta wiehed jezamina l-fattispecje ta' dana il-kaz certament ma jistax jirrizulta ir-reat ipotizzat fl-artikolu 45 tal-Kapitolu 204 billi l-proskuzzjoni ma irnexxiliex tipprova dak dispost f'dana l-artikolu tal-ligi.

Illi l-artikolu 46 tal-Kapitolu 204, izda jitkellem dwar il-pussess semplici ta' karta tal-flus falza. Illi hawnhekk il-ligi tipprevedi l-inverzjoni tal-provi fuq il-persuna akkuzata billi hemm espressament dispost illi l-persuna li fil-pussess taghha tinsab dina l-karta tal-flus trid tressaq il-quddiem il-provi dwar ir-raguni 'il ghala dina l-karta tal-flus tinsab fil-pussess taghha. Dina l-prova l-imputata ma tressaqhiex. Fil-fatt minn ezami ta'l-atti jirrizulta illi l-imputata ghal diversi drabi naqqset milli tattendi ghas-seduti u diversi drabi kellu jinhareg mandat ta' arrest fil-konfront taghha sabiex tigi zgurata l-attendenza taghha. Illi ghalkemm inghatat diversi opportunatjiet biex tressaq il-provi taghha dana baqghet ma ghamlitux sabiex sa fl-ahhar wara sitt seduti iffissati ghal dana il-ghan il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-fatt illi l-imputata naqqset milli tressaq il-provi dwar il-provenjenza ta' dina l-karta tal-flus falsifikata li instabet fil-pussess taghha, kif kien jinkombi fuqha illi taghmel, il-Qorti ghandha quddiemha biss il-provi migjuba mill-proskuzzjoni. Minn dawn il-provi jirrizultaw zewg fatturi importanti u cioe' illi l-karta tal-flus hija wahda falza minn diversi fatturi u inoltre illi din il-karta tal-flus instabet ghand l-imputata imqieghda f'post appartat minn flus ohra f'borza tal-plastik gewwa vetrina biex zgur ma tfixkilhiex ma flus ohra genwini. Dawn il-fatturi wahedhom iwasslu lil din il-Qorti ghal konvinzjoni morali illi l-imputata

[3] Ara xhieda ta' WPC237 a fol.25

kienet taf illi dana il-biljett ta’ €200 kien wiehed falz anke jekk kellha tiskarta dak illi tistqarr fl-istqarrija rilaxxjata minnha lill-pulizija fejn ammettiet illi hija kienet konsapevoli tal-fatt illi l-karta tal-flus kienet wahda falza.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali ta’l-imputata li hija wahda kwazi netta.

Ghaldasqtant il-Qorti wara li rat l-artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li tillibera lill-imputata mill-ewwel akkuza, issibha hatja tat-tieni, u tikkundannaha ghal perijodu ta’ tlettax-il xahar prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dana il-perijodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk hija tikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-hatja ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta’ mija u sittax-il ewro u tnejn u tmenin centezmu (€116.82) in konnessjoni mad-drittijiet peritali.

Finalment il-Qorti tordna illi d-Dokument JF1, ghandu a kura tar-Registratur tal-Qorti jigi ikkonsenjat lill-Manager fil-Currency Issue Office fil-Bank Centrali ta’ Malta, jew lis-successur tieghu f’dik il-kariga, sabiex wara li l-istess Bank jiflih, jew jeqirdu jew isir xort’ohra minnu b’dak il-mod u taht dawk il-kondizzjonijiet li l-Bank jista’ jiddeciedi dwaru kif previst fl-artikolu 50(2)(3) tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------